MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 59/2007/1

**Nazzarena armla minn Gaetano Mifsud ID numru 881337M; Lawrence Mifsud ID numru 484764M; Mary mart Louis Attard ID numru 219863M; Carmen mart Joseph Cortis ID numru 547261M.**

**vs**

**Lawrence Micallef**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

“Illi huma jikru parti milli fond ossia xi kmamar f’18 Triq Santa Agatha, Rabat, lill-intimat bil-kera ta’ Lm8 fis-sena pagabbli kull l-1 ta’ Mejju ta’ kull sena.

Illi l-intimat ma ghadux joqghod fil-fond imsemmi u issa qed joqghod f'Medina Home, Vjal il-Haddiem, Nigret Rabat u dan minhabba l-infermita' tieghu.

Illi huwa ma ghandux bzonn aktar dan il-fond tant li b'ittra tat-30 ta' Lulju 2007 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokumant A talab ir-rikorrenti biex jiedu lura l-pussess kontra korrespettiv ta' Lm3000.

Illi barra minn hekk il-fond huwa fi stat dilapitandi tant li qed isirulu hsarat ingenti kemm bin-non uzo kif ukoll ghax gie abbandunat mill-istess intimat u dan kif jirrizulta mir-ritratti li jiu esebiti waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Gahldaqstant l-esponenti jitolbu bi-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna r-rripreza ta' parti mill-fond ossia l-kmamar mikrija lill-intimat f'18, triq Sant' Agatha, Rabat fi zmien qasir u perentorju u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan il-Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Semgha ix-xhieda;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-intimat debitament notifikat bil-procedura odjerni, naqas milli jirriegistra oggezzjoni ghat-talbiet in dizamina. Illi dan il-fatt qatt ma ghandu jwassal ghall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti b'mod awtomatiku, u ghalhekk il-Bord semgha ix-xhieda ta' Louis Attard, ir-ragel tar-rikorrenti Mary Attard, li kkonferma l-kontenut tar-rikors bil-gurament tieghu u esebixxa sett ritratti li juru l-istat hazin tal-fond mikri lill-intimat. Dan il-fond qed issirlu hsara bin-nuqqas ta' manutenzjoni, stante li l-inkwilin ma ghadux jirrisjedi fih. L-intimat qieghed jirrisjedi f'dar tal-anzjani u l-ghamra li kienet fih illum tnehhiet. Dan juri l-intenzjoni tal-intimat li mhux fi hsiebu jirritorna hemm;

Illi l-Bord jinnota illi l-intimat qieghed jirrisjedi f'dar tal-anzjani u ghalhekk, biex ikun konkordi mal-insenjament

tal-Qrati taghna dwar kawzi bl-istess sfond, irid ikun ezaminat il-possibilita’ li l-intimat jerga jirritorna fil-fond biex jghix fih. Huwa pacifiku illi l-bdil tal-indirizz tal-intimat ghal-iskop tal-Karta tal-Identita’ u fatturi ohra ma jammontawx ghal prova ta’ non uzo u ghalhekk jehtieg prova aktar profonda. Izda fil-kaz in dizamina, l-intimat kellu kull opportunita’ li jgib prova kontrarja ghad-dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti izda dan baqa’ ma ghamel xejn biex jevita ezitu kontra tieghu. Inoltre, l-intimat kien ukoll offrut is-somma ta’ Lm3000 bhala kumpens biex jirrilaxxa l-fond u anqas ma ta kaz ta’ din l-offerta;

Illi b’dan kollu, il-Bord jifhem illi l-intimat ma ghandu l-ebda opposizzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti u in mankanza ta’ provi kontrarji, t-talbiet jimmeritaw li jkunu milqugha;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa t-talba u jawtorizza r-ripreza tal-fond deskritt wara zmien xahar (1) mil-lum u jordna lill-intimat jizgombra mill-fond mhux aktar tard minn xahar (1) mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------